# IS-SETGĦA BIEX INSIRU WLIED TA' ALLA

Huma l-fidi u l-magħmudija essenzjali għas-salvazzjoni? Nitlob l-attenzjoni tiegħek għall-qari tat-test:

**<u>Ġwanni 1:11-12</u>** – "[11]*Ġie fi ħwejġu, u niesu ma laqgħuhx.* [12]*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu. . . .*"

**<u>Mark 16:15-16</u>** – "[15]*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu.* [16]*Min jemmen u jitgħammed, ikun salvat; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

Is-suġġett ta' dan l-istudju huwa: "*Is-Setgħa biex Insiru Wlied Ta' Alla bil-Fidi.*" Forsi inti qiegħed taħseb li kulħadd għandu d-dritt, jew setgħa li jsir iben jew bint ta' Alla. Imbgħad, hemm oħrajn li forsi jgħidu li hemm ċertu numru li għandhom ikunu mitlufa minħabba t-teorija li Alla kien ippredestina u ordna minn qabel li ċertu numru ffissat ikunu salvati u li ċertu numru ffissat ikunu mitlufa, in-numru f'kull każ ikun hekk iddeterminat li ma jkunx jista' jiżdied jew jonqos. Ħalli nikkunsidraw dawn l-affarijet hekk importanti ta' ħajja u destin.

## Salvazzjoni Universali

Min għandu s-setgħa biex isir iben jew bint ta' Alla? Aħna nisimgħu lil universalist jiddikjara: "Il-bnedmin kollha għandhom is-setgħa biex ikunu salvati." Imma din it-teorija ta' salvazzjoni hija totalment falza. Il-bnedmin kollha m'għandhomx is-setgħa biex ikunu salvati!

Huwa tassew li huwa l-pjaċir ta' Alla li l-bnedmin kollha jistgħu jsalvaw. L-appostlu Pietru ddikjara:

**<u>2 Pietru 3:9</u>** – "[9]*Mhux għax jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li kulħadd jersaq għall-indiema.*"

Alla jrid li l-bnedmin kollha jkunu salvati, jafferma l-appostlu, imma lkoll għandhom jindmu. Imma l-bnedmin kollha mhumiex lesti li jersqu għall-indiema; għalhekk, il-bedmin kollha ma jkunux salvati! Kristu, l-Iben ta' Alla, hu l-Awtur tas-salvazzjoni, imma biss ***għal dawk li jobduh***.

**Lhud 5:9** – "[9]*U, billi kien magħmul perfett, sar l-Awtur tas-salvazzjoni eterna* ***għal dawk kollha li jobduh****.*"

Fil-versi 5, 6, u 7 tat-Tieni Pietru, kapitlu 3, l-appostlu ispirat jiddikjara,

**2 Pietru 3:5-7** – "[5]*Dan huma ma jafux, għax hekk iridu, li bil-kelma ta' Alla ilhom hemm is-smewwiet, u li l-art qamet minn ġol-ilma, u fl-ilma:* [6]*Li bihom id-dinja ta' dak iż-żmien, imgħarrqa bl-ilma, inqerdet.* [7]*Hekk ukoll bl-istess kelma ta' Alla s-smewwiet u l-art ta' llum* ***huma merfugħin għall-ħruq, miżmumin sa jum il-ġudizzju, li jkun jum it-telfien tal-ħżiena***."

## Determinazzjoni minn Qabel u Predestinazzjoni

Min għandu s-setgħa biex ikun salvat? Issa, aħna nosservaw fil-qosor it-teorija determinazzjoni minn qabel u predestinazzjoni; jiġifieri, jintqal lilna, li ċertu numru u numru iffisat ta' nies ikunu ordnati u ddestinati minn qabel biex ikunu salvati, jew li jkunu mitlufa. Din it-teorija pożittivament tiċħad l-aġenzija morali ħielsa tal-bniedem u tiddikjara li l-bniedem huwa għalkollox inkapaċi li jgħażel għalih innifsu. Din it-teorija tagħmel lill-bniedem sempliċiment magna, jew għodda, f'idejn Alla, jew f'idejn ix-xitan, mingħajr l-abbiltà jew qawwa biex jirrifjuta li jaqdi lil Satana, jew li jgħażel li jservi lil Alla.

Din  it-teorija falza tafferma li Alla daħal fi ftehim u kuntratt max-xitan, ukoll qabel is-sisien tad-dinja; li ċertu numru ffissat ta' nies ikunu salvati waqt li ċertu numru ffissat ta' nies ikunu mitlufa. Imma ma jidhirx li hija xi ħaġa wisq stramba li Alla li hu 'l fuq minn kull setgħa u qawwa fis-sema u fuq l-art, għandu jagħmel ftehim max-xitan, li Hu keċċa 'l barra mis-smewwiet (Ġenna) u seħet l-art bil-ħżunija tiegħu, se jħalli lix-xitan jieħu l-aħjar parti tal-ftehim jew kuntratt? Tista' inti possibbilment timmaġina lil Alla jagħmel kuntratt max-xitan u jħalli lix-xitan biex jieħu l-akbar parti tan-nies tad-dinja biex imorru miegħu u jgħaddu l-eternità fl-infern? Aħna nkunu sfurzati għal din il-konklużjoni li kieku hu tassew li Alla ddetermina minn qabel u ppredestina ċertu numru ta' nies biex ikunu salvati waqt li ċertu numru ta' nies ikunu mitlufa. Huwa fatt li ma jistax ikun miċħud lix-xitan għandu l-akbar numru ta' nies miegħu. L-akbar numru se jmorru fl-infern. Ġesù nnifsu ddikjara lit-triq il-wiesa' twassal għal qerda waqt li l-bieb id-dejjaq u t-triq id-dejqa li twassal għall-ħajja eterna ftit isibuha.

**Mattew 7:13-14** – "[13]*Għaddu mill-bieb id-dejjaq. Għax wiesa' l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għall-qerda, u ħafna huma li jgħaddu minnha.* [14]*Imma*

*kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha!*"

Le, Alla ma jibgħat lil ħadd fl-infern. Kull persuna li tmur fl-infern tmur hemm għax tkun għażlet hija nfisha biex tmur hemm. Ma jkun hemm ħadd fl-infern li jkun qiegħed hemm mhux bl-għażla tiegħu jew tagħha. U, fuq in-naħa l-oħra, ma jkun hemm ħadd fil-Ġenna li ma jkunx għażel li jmur hemm, barra minn dawk irresponsabbli, b]al trabi, eċċ.. Kull persuna għandha tagħżel id-destin tagħha nfisha. Ġesù, Bin Alla, irrivela l-iskema tal-fidwa u għamel magħruf il-pjan tal-Evanġelju, imma kull persuna għandha tgħażel għaliha nfisha jekk hija tinsab lesta li tobdi u sservi lil Alla jew lix-xitan. L-għażla hija sempliċi, jew tobdi lill-Mulej, dak li Hu jikkmanda fil-Kelma Tiegħu, u tkun salvat, jew ma tobdix il-Kelma Tiegħu imma tippreferi li tobdi l-kelma tal-bnedmin, u tkun mitluf għall-eternità ma Satana! Żomm dejjem dan f'moħħok. Din mhix xi ħaġa li wieħed jeħodha fuq fuq!

## Taħsir Totali

Assoċjata mill-qrib mat-teorija falz ta' elezzjoni mhux kondizzjonali hija d-duttrina ta' taħsir totali ereditarju. Dak sempliċiment ifisser li tifel/tifla żgħir, tarbija, jkun imwieled f'din id-dinja mħassar totalment, midneb kemm jista' jkun minn rasu sa saqajh. Immaġina lil dik it-tarbija innoċenti tkun ix-xitan innifsu, inkapaċi għalkollox għat-tajjeb u totalment imħassra fid-dnub!

Jidher kważi li ma jistax jitwemmen li mexxejja reliġjużi jiddefendu din it-teorija ta' dnub quddiem nies intelliġenti u li kapaċi jifhmu. Madankollu, din it-teorija falza hija parti tat-tagħlim ta' ħafna nies reliġjużi tal-llum. Imma jiena nisma' lil min jgħid, "Jiena naf li l-knisja tiegħi ma tgħallimx duttrina falza u bla raġuni bħal din." Forsi hekk hu. Jista' jkun li mhuwiex hekk. Imma kemm hawn min hu lest li jinvestiga u jara għalih innifsu!

Le, dik it-tarbija innoċenti hija mingħajr ebda dnub. It-tarbija ma kkommettiet l-ebda dnub, għalhekk, hija ħielsa mid-dnub. Kif tista' tkun midinba meta d-dnub hu l-ksur tal-liġi?

<u>**1 Ġwanni 3:4**</u> – "[4]*Kull min jagħmel id-dnub jikser ukoll il-liġi,* ***għax id-dnub hu l-ksur tal-liġi.***"

L-akbar parti tal-popolazzjoni fis-sema (Ġenna) bla ebda dubju tkun dik ta' trabi u tfal innoċenti mingħajr ebda dnub. Mhux għaġeb li Ġesù uża tfal ċkejknin u trabi bħala eżempju ta' kobor fis-saltna Tiegħu:

**Luqa 18:15-17** – "[15]*U ġibulu t-trabi wkoll, biex imisshom: iżda malli d-dixxipli raw dan, ċanfruhom.* [16]*Iżda Ġesù sejħilhom lejh, u qal: ħalluhom it-tfal ċkejknin jiġu għandi, u la żżommuhomx: għax ta' dawn hi s-saltna ta' Alla.* [17]*Tassew ngħidilkom: Kull min ma jilqax is-saltna ta' Alla bħal tifel ċkejken b'xejn ma jidħol fiha.*" (Ara wkoll Mattew 18:2-3).

## Id-Dnub Ma Jintiritx

Il-bniedem ma jiretx id-dnub, imma hu responsabbli għad-dnubiet tiegħu nnifsu wara li jkun ikkommettihom. Il-Kelma ta' Alla tgħdilna fi kliem ċar li:

**Eżekjel 18:20** – "[20]*Ir-ruħ li tidneb tmut, **l-iben m'għandux ibati għad-dnubiet ta' missieru,** u lanqas il-missier għad-dnubiet ta' ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.*"

Id-dnub hu l-ksur tal-liġi u tarbija ma tista' tikser l-ebda liġi.

**1 Ġwanni 3:4** – "[4]**Kull min jagħmel id-dnub** jikser ukoll il-liġi, ***għax id-dnub hu l-ksur tal-liġi***."

Xi dnub tista' tagħmel tarbija? Le, id-dnub ma jistax jintiret. Aħna

nistgħu nirtu l-konsegwenzi tad-dnub, imma kull persuna hija responsabbli għad-dnubiet tagħna nfishsa.

## Emmieni Għandu s-Setgħa Biex Isir

Min għandu s-setgħa biex isir iben jew bint ta' Alla? Dawk kollha li jinsabu mħabbtin u mtaqqlin huma mistiedna bl-istedina ta' Kristu għad-dinja kollha meta Hu qal:

**Mattew 11:28** – "[28]*Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom.*"

Madankollu, mhux in-nies kollha għandhom is-setgħa (jew dritt) biex ikunu msejħa wlied ta' Alla. Fit-test tagħna hu rrivelat li l-*emmieni għandu s-setgħa biex isir iben ta' Alla.*

**Ġwanni 1:12** – "[11]*Ġie fi ħwejġu, u niesu ma laqgħuhx.* [12]*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu*."

L-emmieni, għalhekk, għandu s-setgħa biex isir iben ta' Alla.

Il-kelma "setgħa" hija wżata wkoll f'Rivelazzjoni 9:10 u f'Luqa 12:5. Il-kelma tfisser, "id-dritt jew abbiltà biex taġixxi." Fil-Grieg oriġinali din il-kelma, "setgħa," f'dan it-test, tfisser "Setgħa fiżika u mentali; l-abbiltà jew saħħa li biha wieħed jissapporti, li hu jew għandu jew jeżerċità." (Thayer Greek-English Lexicon). L-emmieni hu attiv. Hu għandu *s-setgħa biex isir* iben/bint ta' Alla! Mhux li hu diġà iben ta' Alla, imma li għandu *s-setgħa biex **isir** iben ta' Alla*, minħabba l-fidi tiegħu.

Il-bniedem ma jistax isir iben jew bint ta' Alla sakemm hu ma jkunx jemmen, imma mhux kull min jemmen isir iben jew bint ta' Alla! L-emmieni għandu biss is-setgħa *biex isir* iben ta' Alla. Aħna m'aħniex neqsin mill-ħsieb tat-teorija li tiddikjara li persuna hija salva *bil-fidi weħidha*, mgħallma minn ħafna reliġjonisti llum, imma jiena nistaqsik, onestament u sinċerament, kif tista' teorija bħal din tkun tassew, f'kuntrast għall-verità sempliċi u ċara ta' Alla, meta Hu qal li *l-emmieni* għandu *s-setgħa (dritt) biex isir* iben ta' Alla. Jekk persuna hija iben jew bint ta' Alla bil-fidi weħidha; hija iben ta' Alla fil-mument innifsu li fih hu jemmen, allura xi jkun is-sens u t-tifsira tal-Kelma ta' Alla li tgħid ċar li dak li jemmen għandu s-setgħa li jsir iben ta' Alla? Kif jista' wieħed isir iben (jew bint) ta' Alla, jekk hu diġà iben ta' Alla?

X'taħseb int li kieku jiena kelli ngħid li ibnek għandu d-dritt li jsir l-iben ta' ommu u missieru? Imma inti taħseb li dan ikun assurdità. Mela sejrin aħna nakkużaw lil Alla b'assurdità bħal din? Għaliex, inti tgħid l-iben ma jistax *isir* l-iben tal-ġenituri għaliex hu diġà l-iben tal-omm u l-missier. Mela, jekk persuna diġà hija iben ta' Alla bil-fidi biss, kif dik il-persuna tista' ssir iben ta' Alla? It-test tagħna, (Ġwanni 1:11,12), jgħid bl-aktar mod ċar "*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied ta' Alla, dawk li jemmnu f'ismu*."

## Mhux Bil-Fdidi Biss

Din l-istqarrija ta' ispirazzjoni hija prova ċara tal-fatt lit-teorija ta' salvazzjoni bil-fidi weħidha hija falza. Din it-teorija mhix skritturali! Fir-realtà, l-espressjoni, "fidi weħidha," tinsab darba biss fil-Bibbja kollha u dik hija f'Ġakbu 2:24, fejn l-appostlu jiddikjara "*Taraw mela kif bl-opri jsir ġust il-bniedem, u mhux **bil-fidi weħidha**.*" Mhux *bil-fidi weħidha* afferma l-appostlu imma b'fidi mal-opri! Fidi biss, tagħti lil dak li jkun id-dritt biex *isir*

iben ta' Alla! Aħna għandna neżerċitaw dan id-dirtt, jew setgħa b'ubbidjenza għall-kmandi tal-Mulej.

Mhux kull min jemmen ikun salvat. M'hemmx dubju li ħafna emmiena jgħaddu l-eternità fl-infern. L-appostlu Ġakbu saħansitra ddikjara lid-demonji jemmnu u jitriegħdu (Ġakbu 2:19). Ħalli nosservaw fuq fuq xi klassijiet ta' emmiena li evidentament ikunu mitlufa.

## Emmiena Li Ma Sarux Ulied Alla

Fi Ġwanni 8:31-44, Kristu żvela klassi ta' Lhud li emmnu Fih, madankollu ddikjara li huma kienu ta' *missierhom ix-xitan!* F'vers 31, hu rreġistrat, "*Ġesù mbagħad qal lil dawk il-Lhud* ***li emmnu fih****: Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi*." Mingħajr argument, huma kienu emmiena; Ġesù ddikjara li huma kienu emmiena! Jekk it-teorija falza ta' salvazzjoni bil-fidi biss hija tassew, allura aħna nkunu sfurzati għall-konklużjoni li huma kienu diġà salvati għaliex huma kienu emmiena, imma f'vers 14 ta' dan l-istess kapitlu, fil-konklużjoni tal-argument bejn Ġesù u dawn il-Lhud emmiena, il-Mulej tagħna qalilhom li huma kienu ta' missierhom ix-xitan. Isimgħu lil Ġesù jgħidilhom dan:

**<u>Ġwanni 8:44</u>** – "[44]*Intom ulied missierkom ix-xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu. Dak kien qattiel mill-bidu, u ma qagħadx fil-verità, għax m'hemmx verità fih. Meta jgħid gidba, jitkellem minnu nnifsu: għax hu giddieb, u missier il-gideb*."

Iva, emmiena, imma wisq ta' qalb stinata biex jobdu l-Kelma ta' Kristu. Bħala *emmiena* huma *kellhom is-setgħa* li jsiru wlied ta' Alla, permezz ta' ubbidjenza għar-Rieda ta' Alla, imma huma kienu *ta' missierhom ix-xitan,* għaliex huma ma kinux lesti li jisimgħu u jobdu l-Kelma tal-Mulej! Illum ukoll hawn ħafna li jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħal dik ta' dawk fi żmien Kristu. Huma jemmnu, jgħidu lil Ġesù Kristu, 'Mulej, Mulej' imma mhumiex lesti li jobdu Lilu aktar milli jobdu l-bnedmin!

## Popolarità

Klassi oħra ta' emmiena, li jkunu mitlufa, hija mogħtija bħala eżempju fi Ġwanni 12 fejn naqraw hekk,

**<u>Ġwanni 12:41-42</u>** – "[41]*Dawn il-ħwejjeġ qal Isaija, meta ra l-glorja tiegħu, u tkellem fuqu.* [42]*Madankollu* ***ħafna mill-kbarat emmnu fih****; iżda minħabba l-*

*Fariżej ma kinux jistqarruh, biex ma jitkeċċewx mis-sinagoga: [43]Għax ħabbew il-glorja tal-bniedem aktar mill-glorja ta' Alla*."

Ċar il-kliem? B'mod l-aktar pożittiv ir-rakkont jgħid, "*emmnu Fih*," iżda minħabba l-popolarità fost in-nies huma m'għamlu xejn dwar dan. Iva, huma kienu emmiena, imma mhux aċċettabbli għal Alla. Emmiena biss, għandhom biss is-setgħa *biex isiru* wlied ta' Alla. Emmiena biss ikunu mitlufa! Ġesù ddikjara,

**Mark 8:38** – "[38]*Kull min mela jistħi minni u minn kliemi fost din il-ġenerazzjoni adultera u midinba; Bin il-Bniedem ukoll jistħi minnu meta jiġi fil-glorja ta' Missieru mal-anġli mqaddsa.*"

### Emmiena Kważi Kristjani

Ukoll, klassi oħra ta' emmiena mingħajr il-barkiet ta' Alla insibuha f'Atti 26:19-21. L-appostlu Pawlu għamel id-difiża tiegħu quddiem is-Sultan Agrippa, irrelata l-każ tal-konverżjoni tiegħu stess għal Kristu, ipprietka lis-sultan Mulej imsallab u mqajjem, 'il Kristu, u enfasizza li Mosè u l-profeti kienu qalu minn qabel l-istess fatti tal-Evanġelju (versi 22, 23). F'versi 27 u 28 Pawlu ddikjara,

**Atti 26:27-28** – "[27]*Ja sultan Agrippa, temmen fil-profeti? **Jien naf li temmen**. [28]Imbagħad Agrippa qal lil Pawlu: **Ftit jonqsok biex tipperswadini u tagħmilni Kristjan***."

F'dan il-każ aħna għandna raġel ta' Alla, l-appostlu ispirat, jiddikjara, "*Jien naf li temmen*," madankollu s-sultan wieġeb, "*Ftit jonqsok biex tipperswadini u tagħmilni Kristjan*." Għalkemm is-sultan kien emmieni, iżda, sakemm ir-rakkont divin jirrivela, hu mar fl-eternità mhux ippreparat biex jiltaqa' ma' Alla. Bħala *emmieni*, hu kellu s-setgħa *li jsir* Kristjan, imma hu ma eżerċitax dik is-setgħa billi jobdi l-Evanġelju, għalkemm kważi pperswadut. Kważi mhix biżżejjed, kważi ma tiswiex, kważi hija li tfalli. Kważi imma mitluf! ***Emmieni mitluf***!

### Emmiena Li Saru Wlied Ta' Alla

L-emmieni għandu s-setgħa li jsir iben/bint ta' Alla. Mhux għax hu diġà iben jew bint ta' Alla, imma hu għandu *s-setgħa li jsir* membru tal-familja ta' Alla. Il-mistoqsija hija: Kif mela persuna issa ssir iben jew bint ta' Alla? Hemm

eżempji ta’ emmiena li *saru* wlied ta’ Alla, kif ukoll eżempji ta’ emmiena li *ma sarux* ulied ta’ Alla.

L-ewwel eżempju tagħna ta’ emmiena *li saru* wlied ta’ Alla jinsab f’Atti kapitlu tnejn. L-appostlu Pietru, flimkien mal-appostli l-oħra, ipprietkaw lil udjenza kbira ta’ Lhud, miġbura f’Ġerusalemm, Sultan inkurunat, imsallab u rxoxtat, Ġesù Kristu. Huma qagħdu jisimgħu b’attenzjoni kbira. L-ewwel prietka tal-Evanġelju, toffri maħfra tad-dnubiet fl-isem ta’ Kristu, kienet ippreżentata. Wara li laħaq il-quċċata tal-indirizzi tiegħu, l-appostlu ddikjara, f’vers 36,

**<u>Atti 2:36</u>** – “[36]*Mela ħa tkun taf fi żgur id-dar kollha ta’ Iżrael, li Alla għamel lil dan stess Ġesù, li intom sallabtu, sew Mulej u kemm Kristu.*”

Skont għall-vers 37 ta’ Atti 2, meta n-nies semgħu l-Evanġelju pprietkat mill-appostli, jippreżentaw lil Ġesù bħala Mulej u Kristu, huma kienu magħmula emmiena. “Issa *meta semgħu dan*, tniggżu f’qalbhom” jintqal fir-rakkont. Dan ifisser, li huma issa kienu jemmnu fi Kristu. Issa li huma semgħu ix-xhieda divina ta’ Ġesù, huma emmnu b’qalbhom kollha. Dan hu f’armonija mat-tagħlim tal-appostlu Pawlu f’Rumani 10:17, fejn hu ddikjara, “[17]*Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta’ Kristu*.” Ukoll f’vers 10, l-appostlu ddikjara, “*Wieħed jemmen f’qalbu biex ikollu l-ġustizzja. . .*” Huma kienu emmiena. Huma kienu semgħu l-Evanġelju u billi tniggżu f’qalbhom, huma emmnu. Bħala emmiena huma kellhom *is-setgħa li jsiru* Kristjani. Imma *x’għamlu huma biex isiru wlied ta’ Alla?*

### Emmiena Mgħammdin Biex Isiru Wlied Ta’ Alla

Billi kienu semgħu l-Evanġelju, issa emmiena fi Kristu, huma staqsew, “*Irġiel u aħwa, **x’għandna nagħmlu?***” (vers 37). Iva, huma kienu konvinti li huma kellhom jagħmlu xi ħaġa biex *isiru* Kristjani, għalkemm huma kienu emmiena. Oqgħodu attenti li ma tkunux iddiżgwidati minn għalliema reliġjużi li jridukom li temmnu li kulma int teħtieġ li tagħmel biex tkun salvat hu li temmen. It-tlitt elef, li konnvertew f’Pentekoste, kif aħna qegħdin nosservaw f’dan it-test Atti 2, kienu emmiena, imma huma rrealizzaw li, bħala emmiena fi Kristu, huma kellhom *jagħmlu* aktar biex isiru wlied ta’ Alla. Erġa’ isma’ l-għajta tagħhom, “*Irġiel u aħwa, **x’għandna nagħmlu?***”

L-appostli, billi kienu ispirati mill-Ispirtu Qaddis, ma kinux se jinfurmaw lil dawk li onestament talbuhom x’għandhom jagħmlu bi tweġiba żbaljata.

Huma qalulhom *x'għandhom jagħ-mlu*, bħala emmiena, *biex isiru Kristjani.* Isimgħu l-kmand ċar ta' Pietru,

**<u>Atti 2:38</u>** – "[38]*U Pietru weġibhom:* ***Indmu, u jitgħammed*** *kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall-maħfra ta' dnubietkom****; u intom tirċievu d-don tal-Ispirtu Qaddis.*"

Xi ntqal lilhom x'għandhom huma biex ***jagħmlu***? Jekk int tagħmel din il-mistoqsija lil xi għalliema reliġjużi moderni, it-tweġiba żgur li tkun, "*Intom ma tistgħu tagħmlu xejn*." Imma kemm hi differenti t-tweġiba ispirata mill-Ispirtu Qaddis. "***Indmu*****, u** ***jitgħammed*** *kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall-maħfra ta' dnubietkom****!* Kienu huma emmiena? Iva! Bħala emmiena huma nidmu u kienu mgħammdin għall-maħfra tad-dnubiet. F'vers 41 hemm irrekordjat li "*dawk li laqgħu l-kelma tiegħu bil-ferħa kienu mgħammdin: u żdiedu magħhom dak in-nhar madwar tlitt elef ruħ*."

It-tlitt elef *emmiena*, li kienu *mgħammdin saru Kristjani* minħabba l-fidi tagħhom fi Kristu li kienet murija bl-ubbidjenza tagħhom għall-kmandi tal-Mulej. Persuna ma tistax isir iben/bint ta' Alla qabel ma tkun emmieni, imma mhux kull emmieni jsir iben jew bint ta' Alla. L-emmieni biss, biss għandu s-*setgħa biex isir iben jew bint ta' Alla!* Atti 2:47 jgħidilna li: *". . . U l-Mulej kien kuljum iżidilhom magħhom* ***lil dawk li jkunu salvi***." Min kienu dawk li kienu salvi? Dawk li emmnu jew dawk li emmnu *u obdew* il-kmand tal-Mulej billi nidmu u kienu mgħammdin għall-maħfra ta' dnubiethom?

## Xi Emmiena Mgħammdin għat-Tieni Darba

Klassi oħra ta' emmiena li saru Kristjani hija rrivelata f'Atti 19:15.

L-appostlu Pawlu ġie f'Efesu u sab xi dixxipli u staqsa, "*Mela biex intom imgħammdin? U qalulu: bil-magħmudija ta' Ġwanni*."

Kemm hu differenti Pawlu minn ħafna predikaturi moderni tal-lum. It-tieni mistoqsija li Pawlu staqsa kienet, xi ngħidu dwar il-magħmudija tagħkom. Predikaturi denominazzjonali llum spiss jirredikolaw dan il-kmand tal-Mulej. Darba predikatur qalli hu jista' jipprietka l-Evanġelju lid-dinja kollha u d-dinja kollha tista' ssalva permezz tal-predikazzzjoni tiegħu, madankollu hu qatt saħansitra ma jsemmi l-magħmudija. Kemm hu differenti minn l-appostlu Pawlu u l-appostli l-oħra kollha! It-tieni mistoqsija ta' Pawlu li hu għamel lil dawn l-emmiena kienet, *xi ngħidu dwar il-magħmudija tagħkom?*

Huma wieġbu billi qalu li huma kienu rċevew il-magħmudija ta' Ġwanni. Emmiena? Iva! Emmiena mgħammdin? Iva! Jiġifieri, huma kienu mgħammdin bil-magħmudija ta' Ġwanni. Aħsbu ftit ukoll dwar dawk li mingħalihom li huma mgħammdin bħala trabi bi ftit qtar fuq rashom kemm aktar u aktar jeħtieġu li jitgħammdu Skritturalment skont il-kmand tal-Mulej! Imma Pawlu ddikjara,

**Atti 19:4-6** – "*. . . Ġwanni tassew għammed bil-magħmudija tal-indiema, billi qal lill-poplu, li għandu jemmen f'dak li kellu jiġi warajh, jiġifieri, fi Kristu Ġesù.* [5]*U meta semgħu dan, tgħammdu f'isem il-Mulej Ġesù.* [6]*U meta Pawlu qiegħed idejh fuqhom, niżel l-Ispirtu Qaddis fuqhom; u tkellmu b'ilsna, u ħabbru*."

Naħseb li kulħadd qiegħed jara li hawn għandna klassi ta' emmiena li kienu mgħammdin bil-magħmudija ta' Ġwanni, grupp ta' emmiena mgħammdin, li kienu qegħdin jagħmlu l-aħjar tagħhom biex jaqdu lil Alla, l-aħjar li huma kienu jafu, imma huma kienu għadhom mhumiex Kristjani. Għalkemm huma kienu emmiena, li diġà kienu mgħammdin bil-magħmudija ta' Ġwanni, meta huma saru jafu li kienu żbaljati, huma immedjatament *saru* Kristjani. Bħala *emmiena*, li kellhom *is-setgħa biex isiru* wlied ta' Alla, huma kienu mgħammdin fi Kristu; huma *saru* Kristjani. Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet valida biss qabel il-magħmudija awtorizzata minn Kristu. Minn Pentekoste, ta' Atti 2, hemm biss *magħmudija waħda* li tpoġġi lil dak li jkun fi Kristu.

**Efesin 4:5** – "[5]*Mulej wieħed, fidi waħda*, ***magħmudija waħda***."

**Galatin 3:26-27** – "[26]Għax intom ilkoll ulied Alla permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. [27]Għax intom ilkoll ***li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu***."

Emmiena għandhom jobdu l-Evanġelju ta' Kristu sabiex ikunu salvati. Kristu kkmanda:

**Mark 16:15-16** – "[15]*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu.* **[16]*Min jemmen u jitgħammed***, *ikun salvat; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*."

Mela, jekk int tinsab fi "knisja" li tgħallem li inti ssalva bil-*fidi weħidha*, jew fi "knisja li tgħallem li tarbija għandha tkun imbexxa bi ftit qtar tal-ilma fuq rasha bħala magħmudija, iddeċiedi llum qabel għada biex tobdi lill-Mulej

aktar milli tobdi lill-bnedmin. Iddeċiedi llum qabel għada fejn int trid li għaddi l-eternità!

Taħt qiegħed nuri kopja ta' kemm isir qerq u ħafna jinqabdu fih. Jekk wieħed jinnota fejn suppost li hu kkwotat Mark 16:16, fejn il-Mulej jikkmanda li: "[16]*Min jemmen **u jitgħammed**, ikun salvat; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*," imma l-kittieb ħalla barra l-kliem "***u jitgħammed***" u r-raġuni hi għaliex huma jemmnu li wieħed isalva bil-fidi biss! Araw x'waħda din! Il-Kmand ċar tal-Mulej inaqqsulu minnu! Dan hu ppreżentat mill-Knisja Evanġelika Trinità, taħt it-titlu, Fuqhom Żernaq id-Dawl. 5 Il-Maħfra tad-Dnubiet. Mhux ta' b'xejn il-Kelma ta' Alla twissina: "[18]*Għax nies bħal dawn ma jaqdux lill-Mulej tagħna Kristu, imma x-xewqat tagħhom, u bi kliem ħelu u diskors.*" U, "[8]*Araw li ħadd ma jassarkom b'filosofija u qerq fieragħ, skont it-tradizzjonijiet tal-bnedmin skont prinċipji elementari tad-dinja u mhux ta' Kristu*." (**Kolossin 2:8**).

<u>**Galatin 1:6-9**</u> – "[6]*Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn evanġelju differenti, [7]mhux għax hemm xi evanġelju ieħor, imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-evanġelju ta' Kristu. [8]Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema **jħabbrilkom evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut!** [9]Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa: **jekk xi ħadd iħabbrilkom evanġelju ieħor għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut!***"

Jiena ċert li l-appostli pprietkaw li "[16]*Min jemmen **u jitgħammed**, ikun salvat; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*," (Mark 16:16), kif ikkmandahom il-Mulej (Mattew 28:20), u mhux [16]*Min jemmen, ikun salvat; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*"!!

…mkien u qalilhom:

"Is-sliem ghalikom! Kif il-Missier baghat lili, hekk jien nibghat lilkom." Kif qal hekk, nefah fuqhom u qalilhom: "Hudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li tahfrulhom dnubiethom ikunu mahfura, u dawk li zzommuhomlhom ikunu mizmuma" (Gwannni 20:21-23).

(1)

X'kienet il-missjoni fdata mill-Mulej lid-dixxipli tieghu? Skond il-knisja Kattolika, b'dan il-kliem Kristu waqqaf is-sagrament tal-qrar, u ta setgha gudizzjarja lis-sacerdoti biex jahfru d-dnubiet. L-Insara evangelici jifhmu dan il-kliem mod iehor. Kristu kien mibghut minn Alla biex, fost hwejjeg ohra, ixandar l-ahbar it-tajba. Qabel tela' s-sema halla f'idejn id-dixxipli tieghu (l-appostli u l-ahwa l-ohra kollha) il-missjoni li jxandru l-evangelju. Min jemmen U JITGHAMMED isalva u jinhafru dnubietu. Dawk kollha li jibqghu ma jemmnux ma jinhafrux.

??? Mark 16:15-16

…: Tagra Riv. 22:18-19; Gal. 1:6-9! Mt. 28:18-20

**Imhallfin jew xandara?**

X'ghamilhom Gesù lid-dixxipli, *imhallfin* jew *xandara?* Il-Katekizmu jghallem: "Is-sacerdoti rcevew setgha minn ghand Alla... Alla jwettaq hemm fuq fis-sema dak li s-sacerdoti jaghmlu hawn fuq l-art" (K 983). Is-sacerdot hu mhallef: jekk jahfer fuq l-art, Alla jikkonferma dik il-mahfra fis-sema. Izda, il-Mulej Gesù ma qalx hekk. Ma qalx, "Dawk li tahfrulhom dnubiethom *jigu mahfura.*" Kristu uza t-temp perfett, "Dawk li tahfrulhom dnubiethom *ikunu (diga') mahfura.*" Il-missjoni tad-dixxipli tixbah ix-xoghol ta' messaggier mibghut ghand wiehed habsi hati ta' delitt. Il-President hafirlu u tah il-helsien. Il-messaggier jidhol fic-cella u jhabbarlu: "Int mahfur!" Ma jfissirx li l-messaggier ghandu s-setgha ta' mhallef izda semplicement habbarlu l-mahfra diga' moghtija lilu minn haddiehor. Hekk ukoll id-dixxiplu ta' Gesu Kristu hu xandar ta' l-evangelju tal-mahfra b'xejn t'Alla, mhux imhallef.

It-tifsira korretta tal-kummissjoni tal-Mulej imnizzla fi Gwanni 20 ghandha taqbel mat-taghlim tal-bqija ta' l-Iskrittura, ghaliex Alla ma jikkontradixxix lilu nnifsu. … Fidi biss?



*direttament lil Alla,* u mhux lil bniedem iehor, ghaliex il-Mulej Gesù stess ghallimhom jitolbuh: "Missierna li inti fis-smewwiet... ahfrilna dnubietna" (aqra Mattew 6:9-13).